ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015**

**IL-ĦAMES SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **Il-Ħin: Siegħa**

**Massimu: 80 marka**

**L-Isem: ______________________________________** **Il-Klassi: _______________**

**1. Iċ-Ċelebrazzjonijiet. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jagħlaq | nkantaw | ħajja | awguri | lill-qraba |
| ristorant | waħedna | flimkien | jaqsmu | eżami |



Insibu bosta okkażjonijiet fil-____________________ tagħna meta nħossu li jkun xieraq illi niċċelebraw xi ħaġa ________________________. Insemmu l-okkażjoni meta xi ħadd _____________________ sninu, meta titwieled tarbija ġdida, ngħaddu minn xi _______________ importanti, meta xi membru tal-familja jew ħabib jiggradwa jew jilħaq xi ħaġa.

Kif niċċelebraw okkażjonijiet bħal dawn li semmejna? Normalment naqsmu xi kejk tajjeb filwaqt li ____________________ xi ħaġa flimkien, norganizzaw xi festin u nistiednu _________________________ u lill-ħbieb, nibagħtu xi kartolina jew noħorġu nieklu f'xi ____________________________.



Għaliex niċċelebraw? Il-bniedem, meta jifraħ, iħobb juri l-ferħ tiegħu u ______________________ mal-oħrajn. Għalhekk, meta jkun hemm xi okkażjoni minn dawn li semmejna, aħna bħala bnedmin, ma nkunux kuntenti li nħossu l-ferħ __________________________ biss, imma nkunu nixtieqsu illi naqsmu l-ferħ tagħna mal-qraba u l-ħbieb tagħna.

Għalhekk meta xi ħadd minn sħabna jagħlaq sninu, hija ħaġa sabiħa, u nagħmlu sew meta noħorġuh f'nofs il-klassi u nkantawlu: "Ferħ u _____________________ f'dal-jum, f'għeluq sninek illum!"

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**2. Wieġeb.**

1. Semmi xi ċelebrazzjoni li kellek u li għoġbitek ħafna.

   ______________________________________________ (1)

2. Għid għaliex għoġbitek ħafna.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

**(3 marki)**

**3. Wieġeb.**



1. Semmi ċelebrazzjoni li ssir fl-iskola li tattendi int. ______________________ (1)
2. Din iċ-ċelebrazzjoni togħġbok?

   ______________________ (1)

3. Għid għaliex togħġbok jew għaliex ma togħġbokx.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

4. Semmi ċelebrazzjoni oħra li ssir fil-komunità jew fil-lokalità fejn toqgħod int.

   ______________________________________________ (1)

5. Din iċ-ċelebrazzjoni togħġbok? ______________________ (1)
6. Għid għaliex togħġbok jew għaliex ma togħġbokx.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

**(8 marki)**

**4. Ħares lejn it-tabella, aqra sew dan li ġej, imbagħad wieġeb.**



Kull sena jiġu Malta eluf ta' turisti. Meta jkunu Malta, it-turisti jonfqu l-flus hawnhekk. Dan jiswa ta' ġid għall-ekonomija Maltija.

Jekk inħarsu sew lejn it-tabella fuq il-lemin, ninnutaw kif fis-sena 2013 l-ikbar numru ta' turisti ġew mir-Renju Unit.

| Din it-tabella turina minn fejn ġew l-ikbar numru ta' turisti fis-sena 2013. | |
|---|---|
| **Pajjiż** | **Numru ta' turisti li żaru Malta** |
| Ir-Renju Unit | 454,659 |
| L-Italja | 233,777 |
| Il-Ġermanja | 147,110 |
| Franza | 116,533 |
| L-Iskandinavja | 105,068 |
| Spanja | 53,278 |
| L-Olanda | 41,486 |

Ir-Renju Unit jinkludi lill-Ingilterra, lill-Iskozja, lil Wales u lill-Irlanda ta' Fuq. Ġew ukoll ħafna turisti mill-Italja, mill-Ġermanja u minn Franza.

**Wieġeb**.

1. Fis-sena 2013, minn fejn ġie l-ikbar numru ta' turisti, minn Spanja, Franza jew il-Ġermanja?
   ________________________________________ (1)
2. Il-Gżejjer Maltin, ma' min huma l-iktar popolari, mat-turisti Taljani, Olandiżi, jew Franċiżi?
   ________________________________________ (1)
3. Semmi żewġ lingwi barranin, li għandhom jitgħallmu dawk l-istudenti li fil-futur jixtiequ jsibu xogħol jew *job* fil-qasam tat-turiżmu.
   (a) l-ewwel lingwa: ______________________________ (1)
   (b) it-tieni lingwa: ______________________________ (1)
   (c) Għaliex it-tagħlim tal-lingwi barranin jgħinna niġbdu iktar turisti lejn il-Gżejjer Maltin?
   ________________________________________
   ________________________________________ (2)
4. **TLIETA** mil-lokalitajiet imsemmija fil-lista li ġejja, huma popolari ħafna mat-turisti li jżuru l-Gżejjer Maltin: ĦAL GĦAXAQ, BUĠIBBA, IL-QRENDI, IŻ-ŻEJTUN, TAS-SLIEMA, ĦAL QORMI, ĦAL KIRKOP, MARSALFORN, ĦAL FARRUĠ, ĦAL LEW, SANTA LUĊIJA. Ikteb it-tliet lokalitajiet fil-vojt:
   (a)______________________________
   (b)______________________________
   (ċ)______________________________ (3)
5. Semmi mod wieħed kif it-turisti, meta jiġu Malta, jistgħu jiswew ta' ġid kbir għall-ekonomija tagħna. ______________________________
   ________________________________________ (2)

**(11-il marka)**

**5. Aqta' sing taħt it-tweġiba l-ĦAŻINA.**

1. It-turisti jiġu fil-Gżejjer Maltin biex (igawdu x-xemx u l-baħar, jiddevertu u jistrieħu, jaħdmu u jagħtu servizz, iżuru postijiet storiċi u preistoriċi). (2)
2. Meta jżuru l-Gżejjer Maltin, it-turisti kollha jistennew mingħandna l-Maltin (kumdità, prezzijiet għoljin, indafa, imġiba tajba). (2)

**(4 marki)**

**6. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-gwidi | indirett | jlaħħqu | ristoranti | jbigħ |
| kmamar | ħafna | xogħlijiet | btala | il-Ġermaniż |



M'hemmx dubju li bosta Maltin illum jaqilgħu ħafna flus permezz ta' ______________________ illi jagħmlu mat-turisti li jħobbu jiġu għal xi ______________________ fil-Gżejjer Maltin.

Hemm dawk li jaħdmu direttament mat-turisti, bħal, pereżempju ________________________ . Dawn jitgħallmu jitkellmu b'lingwi differenti, bħall-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, ____________________________ u l-Ispanjol. Huma jdawru lit-turisti u juruhom il-postijiet ta' interess illi għandna Malta. Insemmu wkoll lil-lukandiera. Meta jkun hawn _____________________ turisti Malta, jiġifieri fil-*high season*, il-gwidi u l-lukandiera ma jkunux jistgħu _____________________ max-xogħol li jkollhom. Meta ma jkunx hawn ħafna turisti, jiġifieri fil-*low season*, il-gwidi ma jkollhomx ħafna xogħol u bosta ________________________ fil-lukandi jibqgħu vojta.

Il-bidwi Malti dejjem jipprova _______________________ il-prodotti li huwa jkabbar fl-għelieqi tiegħu. Biċċa minn dawn il-prodotti jixtruhom il-Maltin stess. Imma oħrajn jinxtraw mil-lukandi u _____________________ fejn ikun hemm ħafna turisti. Allura nistgħu ngħidu li anke l-bidwi Malti, għalkemm b'mod ______________________________ , jaqla' parti mill-għajxien tiegħu mit-turiżmu.

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**7. Immarka b'ċirku dawk l-affarijiet li jiġbdu lit-turisti lejn pajjiżna.**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| knejjes sbieħ | il-muntanji | il-baħar ikħal |
| il-Belt Valletta | l-iskejjel | It-tempji |
| it-televixin | il-barrieri taż-żrar | ir-roti |
| Marsaxlokk | il-mowbajls | l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni |

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

8. **Wieġeb billi timmarka t-tajbin.**

1. L-ittri ITS ifissru (International Training Service, Istanbul Travel Service, Institute of Tourism Studies, I Tour Scotland).
2. Fl-ITS jattendu dawk li jixtiequ jagħmlu xogħol (fil-liġi, fit-turiżmu, fuq l-ajruplani, fuq il-baħar).
3. Fl-ITS jistgħu jattendu (tfal taħt l-erba' snin, ġuvintur biss, tfajliet biss, ġuvintur u tfajliet).
4. Fl-ITS tista' tistudja (diversi lingwi barranin, l-lingwa Maltija biss, l-lingwa Ingliża biss, l-lingwa Għarbija biss).
5. Il-bini tal-ITS jinsab (il-Mellieħa, Għawdex, San Ġiljan, Ħal Luqa).
6. L-ITS hija importanti għalina l-Maltin għax fiha ż-żgħażagħ tagħna (jsiru bdiewa tajbin, jitgħallmu kif jistgħu jagħtu servizz aħjar lit-turisti, jsiru għalliema tajba, jsiru sajjieda).

**(marka 1 x 6 = 6 marki)**

9. **Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ.** Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | VERU / FALZ |
|---|---|---|
| 1 | Il-karozzi tal-linja magħrufa bħala *Hop-On Hop-Off* saru popolari ħafna mat-turisti li jiġu Malta. | |
| **2** | Bis-sistema tal-*Hop-On Hop-Off* it-turisti jistgħu jgawdu x-xenarju tal-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, tal-belt tar-Rabat u tal-Imdina f'ġurnata waħda. | **Veru** |
| 3 | Fost is-siti storiċi li jħobbu jżuru t-turisti f'Malta hemm it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. | |
| 4 | Meta jkunu Malta, bosta turisti jħobbu jżuru s-sit preistoriku ta' Għar Dalam qrib Birżebbuġa. | |
| 5 | Il-Belt Valletta hija attrazzjoni speċjali għat-turisti li jżuruna. | |
| 6 | Il-klima Mediterranja tal-Gżejjer Maltin tħajjar ħafna turisti biex jiġu jżuru pajjiżna. | |
| 7 | Il-maġġoranza tal-Maltin għandhom il-ħila li jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża. Dan iħajjar bosta turisti biex iżuru l-Gżejjer Maltin għall-vaganzi tagħhom. | |
| 8 | It-turisti jżuru Malta fis-sajf biss. | |
| 9 | F'Malta għandna ħafna skejjel li joffru taħriġ fil-lingwa Ingliża lil bosta studenti barranin li jiġu apposta f'pajjiżna biex jitgħallmu l-Ingliż. | |

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**10. In-numri 1, 2 u 3 fuq il-mappa juruna t-tlett ibliet qodma tal-Gżejjer Maltin.**

**Wieġeb bl-għajnuna tal-mappa**.




1. Il-belt tal-Birgu hija mmarkata bin-numru ________________ .
2. Fuq il-mappa, l-Imdina għandha n-numru ___________________.
3. Iċ-Ċittadella t'Għawdex hija mmarkata bin-numru ________ .
4. Liema belt qadima tinsab ħdejn il-baħar? __________________ .

**(marka 1 x 4 = 4 marki)**

**11. Wieġeb bl-għajnuna tal-istampi**.



1. Fl-istampa tal-lemin jidhru parti mis-swar taċ-Ċittadella li għadhom kif ġew restawrati u rranġati. Għalfejn inbnew is-swar?

   ______________________________________________

   ___________________________________________ (1)

2. Illum il-ġurnata, x'użu għad għandhom is-swar tal-bliet il-qodma?

   _____________________________________________________________________

   __________________________________________________________________ (1)



3. Fl-istampa tal-lemin tidher triq dejqa li għadna nistgħu naraw illum ġewwa l-belt qadima tal-Imdina. Semmi belt oħra qadima fil-Gżejjer Maltin fejn il-maġġoranza tat-toroq li għadna nistgħu naraw illum, huma dojoq.

   ___________________________________________ (1)

4. Semmi xi ħaġa fil-bliet il-qodma li matul iż-żminijiet baqgħet l-istess u ma nbidlitx.

   __________________________________________________________________ (1)

5. Semmi xi ħaġa fil-bliet il-qodma li matul iż-żminijiet inbidlet.

_______________________________________________ (1)



6. Fl-istampa jidher it-Torri tal-Istandard. F'liema belt qadima nistgħu narawh?

______________________________ (1)

7. Illum il-ġurnata, it-Torri tal-Istandard, għal xiex qiegħed jintuża?

______________________________

______________________________ (2)



8. Fl-istampa jidhru tliet statwi ta' qaddisin li kollha jitqiesu bħala qaddisin protetturi tal-belt qadima tal-Imdina. Semmi qaddis jew qaddisa minnhom.

_________________________ (1)

9. X'juruna dwar Malta antika dawn l-istatwi?

_________________________

_________________________ (2)

**(11-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**